Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 281/12/1AE

**Simon Agius**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

B'sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tas-7 ta' Mejju 2014, giet imhassra decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn cahad applikazzjoni ta' Simon Agius ghal hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat skond l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali (Kap. 389).

Mis-sentenza appella l-Kummissarju tal-Pulizija. L-aggravji huma:-

1. It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kien skorrett fl-interpretazzjoni li ta lis-sentenza kriminali fil-konfront tal-appellat.

   Mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ma jirrizulta li l-*probation order* giet imposta fir-rigward tal-akkuza ta' offiza gravi u l-multa fir-rigward tal-akkuzi l-ohra; *"Anzi jidher b'mod car illi il-piena nflitta fuq l-appellat, senjatament il-multa u l-probation order giet inflitta b'mod agguntiv u komplessiv ghar-reati kollha li taghhom instab hati l-appellat"*.

   Ladarba l-appellat instab hati ta' offiza gravi fuq il-persuna u giet imposta fuqu piena ghal delitt skond l-Artikolu 7(1)(d) tal-Kodici Kriminali, allura l-appellant ma kellhiex triq ohra ghajr li jirrifjuta l-applikazzjoni ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389.

2. Illi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva m'huwiex kompetenti sabiex joqghod jigbed inferenzi u jispekula dwar is-sentenzi tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ma setax jispekula u jaghmel assunzjonijiet dwar il-piena li giet inflitta fuq l-appellat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kellu jqis is-sentenza bhala

stat ta' fatt minghajr ma jigbed l-ebda inferenza, minghajr ma jaghmel l-ebda assunzjoni u minghajr ma joqghod jaghmel deduzzjonijiet fuqha.

Inoltre, m'ghandux obbligu li joqghod jara kif qorti kriminali waslet ghal piena. Hu qies biss is-sentenza bhala stat ta' fatt u qaghad ghal dak li gie deciz fis-sentenza. Gialdarba d-dmir tat-Tribunal hu li tistharreg l-atti amministrattivi, f'dan il-kaz ma kienx fil-kompetenza tat-Tribunal li jidhol fi kwistjonijiet li l-appellant ma seta' qatt dahal fihom meta wettaq l-att amministrattiv.

L-appellat wiegeb fejn qal li s-sentenza tat-Tribunal ghandha tigi kkonfermata.

Il-qorti rat l-atti.

**<u>Fatti</u>**.

1. Permezz ta' avviz ta' rifjut datat 26 ta' Settembru 2012, l-intimat (illum appellant) gharraf lir-rikorrent li l-applikazzjoni tieghu ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat ma gietx milqugha *"... skond l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta"* (fol. 4).
2. Jirrizulta li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta Dicembru 2002, l-appellat instab hati ta' diversi akkuzi fosthom li kkaguna *"…. Feriti gravi li jgibu sfregju fil-wicc tal-istess Joseph Carmel Zammit, skond kif gie ccertifikat minn Doctor Robert Sammut MD tas-Sahha tal-Floriana"*. Il-qorti poggiet lil Agius taht ordni ta' *probation* ghal tliet snin u kkundannatu jhallas multa ta' Lm400.
3. Ir-rikorrent ippropona proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn talbu jhassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'sentenza tas-7 ta' Mejju 2014 it-Tribunal hassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u ordnalu *"…. johrog il-licenzja ta' Gwardjan Privat favur ir-rikorrent ai termini tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta"*[1].

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. M'hemmx dubju li bis-sentenza tas-16 ta' Dicembru 2002 l-appellat instab hati ta' offiza gravi.

2. Skond l-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Gwardjani Privati Lokali (Kap. 389) il-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni ta' applikant li jkun instab hati f'Malta jew x'imkien iehor ta' *"offiza gravi fuq il-persuna"* (Artikolu 10(a)(i) tal-Kap. 389).

---

[1] Fol. 106.

3. Fis-sentenza l-qorti poggiet lil Agius taht ordni ta' *probation*. Skond l-Artikolu 25 tal-Att dwar Probation (Kap. 446):-

   *"….. id-dikjarazzjoni ta' htija ta' hati li jitqieghed taht probation….. ghandha **<u>f'kull kaz tigi mwarrba ghall-finijiet ta' kull ligi</u>** li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilita' jew xi piena ohra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' htija".*

   Il-konsegwenza ta' dan il-provvediment hi li ladarba l-appellat tpogga taht *probation*, id-dikjarazzjoni ta' htija ghandha tigi mwarrba ghal finijiet tal-Att dwar il-Gwardjan Privati Lokali (Kap. 389).

4. Hu minnu li fis-sentenza l-qorti kkundannat lill-appellat ghall-hlas ta' multa ta' Lm400. Pero' jibqa' 'l fatt li Agius tqieghed taht *probation*. Dan 'il fatt wahdu jgieb mieghu l-applikazzjoni tal-Artikolu 25(3) tal-Kap. 446 irrispettivament mill-multa ta' Lm400.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija bl-ispejjez kontra tieghu**.

Anthony Ellul.